MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1024/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**KONTRA**

**RODERICK CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roderick Cauchi ta' 26 sena, bin Raymond Cauchi u Emanuela nee' Ciantar, mwieled Pieta' nhar is- 16 ta' April 1983, residenti fil- fond Block D, Flat 6, Triq il- Palazz l-Ahmar, Santa Venera u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 220283(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fix- xhur u granet ta' qabel il- 25 ta' Settembru 2008;

1) f' Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (air-conditions), mehuda b' qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex igibhom jew imexxihom, u aktar talli;

2) sar jaf li hwejjeg (airconditions) li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa jew mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, naqas li jgharraf lill- Pulizija b' dak il- fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf, u aktar talli;

3) l- imputat Cauchi b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ghalhekk dawn l- atti jitqiesu bhala reat wiehed;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta x-xiri mill-imputat ta' numru ta' "air conditioning units" li kienu gew misruqa xi ftit granet jew gimghat qabel ma sehh dan ir-reat. Il-"units" in kwistjoni kienu jammontaw ghal erbatax, li uhud minnhom gew ritornati lis-sidien taghhom, u l-valur tal-oggetti kollha jeccedi sew l-elfejn u tlitt mitt ewro. Peress illi l-imputat ammetta mal-ewwel, jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena. Mil-fedina penal ital-imputat, jirrisulta li hu " first time offender", u ghalhekk ukoll il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandux jinghata piena ta' prigunerija effettiva, izda tkun wahda sospiza akkumpanjata b' ordni ghall-hlas lid-derubati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 334, 334A u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) lill- parte civile fi zmien sitt (6) xhur, ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------